MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 396/2010

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Ivan Camilleri**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-13 t'Ottubru 2010, fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, erbgha mija w disgha w hamsin Ewro w sitta w tletin centezmu (€6,459.36), liema somma hija dovuta minnu in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari, kont numru 481063 u 481827, moghti mis-socjeta' attrici w dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti w tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, w bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 16 ta' Novembru 2010, fejn thalliet kopja ta' l-avviz fil-Kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar, fl-ghassa tal-pulizija ta' San Pawl il-Bahar, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 13 tergo).

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-gazetta tal-gvern tas-17 ta' Novembru 2010 (fol. 12) u fil-gazzetta lokali 'The Times' datata 22 ta' Dicembru 2010.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2011, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici w lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, erbgha mija w disgha w hamsin Ewro w sitta w tletin centezmu (€6,459.36) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------